**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Nru: 894/2019 AF**

**Saviour Buttigieg u martu Giorgina Buttigieg**

**vs**

**M.D. Trucking Limited (C-23407)**

**Michael Debono u martu Mary Grace Debono**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Saviour Buttigieg u martu Giorgina Buttigieg, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

B'kuntratt pubblikat min-Nutar Bartolomeo Micallef fis-6 ta' Lulju 2009 (Dok. A), l-esponent Saviour Buttigieg, fiz-zwieg tieghu mal-esponenti Giorgina Buttigieg, hallas is-somma ta' hames mija u erba' u ghoxrin elf mija u disa' Ewro u centezmu (€524,109.01) lill-bank HSBC Bank Malta plc f'isem l-intimata

debitrici tieghu M.D. Trucking Limited (C-23407), ghas-saldu tad-djun kollha li din il-kumpanija kellha mal-istess bank, fosthom dawk naxxenti min-noti ta' ipoteki numri I. 3456/2002 (Dok. B), I. 3458/2002 (Dok. C) u I. 3459/2002 (Dok. D), u kien surrogat fid-drittijiet kollha tal-istess bank HSBC Bank Malta plc naxxenti mill-imsemmija iskrizzjonijiet ipotekarji.

Dan il-hlas b'surroga kien debitament registrat fir-Registru Pubbliku bin-nota ta' riferenza R. 5231/2009 (Dok. E).

Originarjament, il-bank HSBC Bank Malta plc kien silef lill-kumpanija intimata M.D. Trucking Limited l-ammonti segwenti:

(a) Is-somma ta' Lm80,000 (€186,349.87) b'kuntratt tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tal-15 ta' Frar 2002 (Dok. F), li kien garantit fost ohrajn mill-intimati Michael Debono u Mary Grace Debono flimkien u personalment, solidalment mad-debitrici principali permezz ta' ipoteka specjali fuq il-flat fit-tielet sular, internament bin-numru sebgha (7), formanti parti minn blokk ta' flats, bla numru u jismu 'Micallef and Vella Flats', fi Triq it-Turisti, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, imiss minn nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-punent ma' proprjetà ta' 'Formosa and Micallef' jew is-successuri taghhom fit-titolu taghhom u mit-tramuntana ma' triq privata, inkluz f'dan l-appartament parti diviza mill-bejt tal-blokk, tal-kejl ta' cirka hmistax punt hamsa metri kwadri (15.5m.k.) li jmiss min-nofsinhar mal-imsemmija triq mill-punent ma' proprjetà ta' 'Formosa and Micallef' jew is-successuri fit-titolu taghhom, u mit-tramuntana mar-rimanenti parti tal-bejt, liema appartament ghandu l-entrata, it-tarag, it-tromba, u s-sistema tad-drains u d-drenagg in komuni mal-bqija tal-blokk, altrimenti liberu u frank u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.

(b) Is-somma ta' Lm60,000 (€139,762.40) b'kuntratt iehor tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tal-15 ta' Frar 2002 (Dok. G), liema self kien garantit ukoll mal-intimati konjugi Debono personalment, flimkien u solidalment mad-debitrici principali, fost ohrajn. L-imsemmija

konjugi Debono kienu ggarantew dan id-dejn b'ipoteka specjali fuq il-flat fuq imsemmi f'San Pawl il-Bahar u l-maisonette, bl-arja tieghu, bla numru ufficcjali però maghruf bin-numru hamsa u tletin (35), fi Triq Fra Diegu, il-Marsa, soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' lira u erbghin centezmu (Lm1.40) ekwivalenti ghal tlett Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3.26), u li jgawdi u huwa suggett ghas-servitujiet kollha li jirrizultaw mill-posizzjoni tieghu.

(c) Overdraft sas-somma ta' Lm85,000 (€197,996.73), b'kuntratt tan-Nutar Carmel Mangion tal-15 ta' Frar 2002 (Dok. H), li ghalih dahlu garanti fost ohrajn l-istess intimati Debono, li ggarantew dan id-dejn b'ipoteka specjali fuq iz-zewg fondi imsemmija f'San Pawl il-Bahar u l-Marsa.

L-intimata M.D. Trucking Limited baqghet ma hallset xejn mill-ammont ta' €524,109.01, u l-imghaxijiet, dovuti minnha lill-esponenti.

Peress li l-intimati Michael Debono u martu Mary Grace Debono iggarantew solidalment mal-kumpanija debitrici M.D. Trucking Limited il-hlas lura tad-djun, il-beneficcju tal-eskussjoni ma jghoddx (art. 1935(b) tal-Kod. Civ.), u l-esponenti bhala kredituri ghandhom il-jedd iduru kontra l-intimati jew min minnhom ghall-hlas tad-dejn kollu (art. 1937 tal-Kod. Civ.).

B'zewg ittri ufficjali wahda tat-23 ta' Dicembru 2013 (Dok. I) u ohra tat-3 ta' Mejju 2019 (Dok. J), l-esponenti sejhu lill-intimati Michael Debono u Mary Grace Debono biex ihallsuhom is-somma dovuta bl-imghaxijiet, u avzawhom li, fin-nuqqas, huma kienu ser jghaddu ghall-ezekuzzjoni skond il-ligi.

B'ittra ufficjali ohra tas-17 ta' Gunju 2019, l-esponenti regghu sejhu (Dok. K) lill-intimati kollha biex ihallsuhom is-somma dovuta u l-imghaxijiet. Minkejja dan kollu, sal-lum l-esponenti baqghu ma rcevew ebda parti mill-hlas dovut.

L-esponenti qed jintavolaw dan ir-rikors skond l-Art. 258(c) tal-Kap. 12 sabiex jipprocedu ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv

li huma ghandhom kontra l-intimati bis-sahha tal-kuntratt fuq imsemmi pubblikat min-Nutar Bartolomeo Micallef fis-6 ta' Lulju 2009 ghall-kreditu fuq imsemmi, bl-imghaxijiet. Ghall-finijiet tal-istess disposizzjoni, l-esponenti jiddikjaraw li huma kredituri tal-intimati fis-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin elf, mija u disa' Ewro u centezmu (€524,109.01), rapprezentanti rifuzjoni ta' hlas b'surroga li l-esponent Saviour Buttigieg ghamel fl-interess tal-intimati, oltre l-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-att sad-data tal-hlas shih effettiv.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tawtorizzahom jesegwixxu skond il-ligi t-titolu ezekuttiv li ghandhom kontra l-intimati ghar-rifuzjoni tas-somma ta' hames mija u erba' u ghoxrin elf mija u disa' Ewro u centezmu (€524,109.01), bl-imghaxijiet kif fuq spjegat, skond l-att pubblikat min-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef tas-6 ta' Lulju 2009.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li s-socjetà M.D. Trucking Limited minkejja li giet notifikata bir-rikors, baqghet ma pprezentat ebda twegiba.

Rat it-twegiba ta' Michael Debono u Mary Grace Debono li permezz taghha laqghu ghar-rikors billi wiegbu illi:

Fil-15 ta' Frar 2002 [Dok. F], Saviour Buttigieg flimkien mal-esponenti Michael Debono kienu hadu self ghan-nom ta' M.D. Trucking Limited fl-ammont ta' Lm80,000 [tmenin elf Lira Maltin] u fil-kapacità taghhom personali flimkien ma' marthom ghamluha ta' garanti, u fil-15 ta' Frar 2002 [Dok. G] Saviour Buttigieg flimkien mal-esponenti Michael Debono kienu hadu self ghan-nom ta' M.D. Trucking Limtied fl-ammont ta' Lm60,000 [sittin elf Lira Maltin], u regghu ghamluha ta' garanti b'Michael Debono u martu jaghtu ipoteka specjali fuq proprjetà l-Qawra, u fil-15 ta' Frar 2002 Saviour Buttigieg flimkien mal-esponenti Michael Debono kienu hadu overdraft ghan-nom ta' M.D. Trucking Limited fl-ammont ta' Lm85,000 [hamsa u tmenin elf Lira Maltin] u fil-kapacità taghhom personali flimkien

ma’ marthom ghamluha ta’ garanti fejn Debono taha ipoteka specjali fuq il-proprjetà tieghu tal-Qawra u tal-Marsa.

Michael Debono kien irrizenja minn M.D. Trucking Limited fil-kapacità ta’ Direttur fil-25 ta’ Marzu 2005 [Dok. A].

Michael Debono kien ittrasferixxa l-ishma tieghu fil-kumpannija M.D. Trucking Limited fit-23 ta’ Marzu 2005 [Dok. B].

M.D. Trucking Limited kienet saret *single member company* fit-23 ta’ Marzu 2005 b’Silvio Buttigieg azzjonist uniku [Dok. C].

Ghalhekk wara l-25 ta’ Marzu 2005 l-epsonenti qatt ma seta’ jaghmel xejn ghan-nom tal-kumpannija M.D. Trucking Limited.

Peress li Saviour Buttigieg qieghed iressaq talba fejn *inter alia* qieghed jissottometti li l-beneficcju tal-eskussjoni ma jghoddx peress li l-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur.

Saviour Buttigieg kellu l-kontroll totali tal-kumpanija M.D. Trucking Limited. Hu ghandu l-obbligu li juri li tali kumpannija tmexxiet bid-diligenza kollha – haga li zgur ma saritx peress li mill-2005 ma thallas xejn mid-dejn tal-kumpanija u l-ahhar sena li gew prezentati l-kotba tal-kumpanija kien ghas-sena 2012 [Dok. D].

Saviour Buttigieg komodament ma mexxiex l-kumpanija bhala *bonus paterfamilias* u huwa mpossibbli taqbad tarf tal-posizzjoni finanzjarja ta’ din – u llum qed jippretendi li jibbenefika jew ahjar jabbuza mis-sistema legali u Michael u martu Mary Grace Debono ihallsu ghad-dejn kollu tal-kumpanija.

Fis-16 ta’ Mejju 2019 l-esponenti cahad it-talba ta’ Silvio Buttigieg kif prezentata minhabba r-ragunijiet hawn fuq elenkati [Dok. E].

Ghalhekk hemm kontestazzjoni b’fatti li saru maghrufa lill-esponenti wara li gie pprezentat ir-rikors odjern, u li ghalhekk jinnecessita proceduri *ad hoc*.

Konsegwentement l-esponenti joggezzjonaw ghat-talba tar-rikorrenti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni.

Ikkunsidrat illi l-Art. 258 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"Wara*
>
> *……*
>
> *"l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,*
>
> *l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

L-Art. 253 tal-Kap. 12 jipprovdi inoltre illi:

> *"Huma titoli esekuttivi:*
>
> *……*
>
> *Il-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficcjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt."*

Fis-sentenza fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs John Dalli et, tat-18 ta' April 2012, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> *"Illi minn dan jidher li l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh."*

Illi permezz tal-kuntratt ippubblikat fis-6 ta' Lulju 2009, ir-rikorrenti Saviour Buttigieg gie surrogat fil-jeddijiet kollha tal-bank HSBC naxxenti minn iskrizzjonijiet ipotekarji relatati ma' dejn ta' €524,109.01 li kellha M.D. Trucking.

Ir-ragunijiet kollha li ngiebu mill-konjugi Debono jirrelataw essenzjalment ghat-tmexxija tas-socjetà li taghha huma kienu ggarantew id-djun, fatturi dawn li ma jeffettwawx il-posizzjoni tar-rikorrenti Buttigieg attwalment in relazzjoni mal-intimati Debono kif naxxenti mill-fuq citat kuntratt.

Ghaldaqstant il-Qorti, peress illi tqis illi r-rekwiziti tal-ligi huma sodisfatti, tilqa' t-talba ta' Saviour sive Silvio Buttigieg u Giorgina Buttigieg u tawtorizza l-ezekuzzjoni skond il-ligi tat-titolu ezekuttiv bl-imghaxijiet skond il-kuntratt datat 6 ta' Lulju 2009.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati in solidum bejniethom.

IMHALLEF